# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 18 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 381/00**

**Numru 35**

**E. Grech Cristal Bath Ltd**

**vs**

**Marco Vella**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma bilancjali ta' sitt mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sebghin centezmi (Lm688.70) dovuta mill-konvenut in konnessjoni mal-bejgh u konsenja ta' diversi oggetti u servizzi relatati forniti mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq ordni tal-konvenut stess skond rendikont anness mal-avviz u markat dokument "A".

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 30 ta' Novembru 1999 u bl-interessi kummercjali mid-data tal-fatturi relattivi kontra l-konvenut. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti minn fol 2 sa fol 4 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-4 ta' Gunju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm688.70,0 bl-imghax legali mit-30 ta’ Novembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Novembru 1999.

J Borg
Dep.Reg